DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/1179

tas-7 ta' Lulju 2022

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/217(ATALANTA/4/2022)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) ("il-Kmandant tal-Forza tal-UE").

(2) Fil-15 ta' Frar 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/217 ([2]), li taħtar lill-Kontrammirall Fabrizio BONDI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.

(3) Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Kontrammirall Riccardo MARCHIÓ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE l-ġdid malajr kemm jista' jkun.

(4) Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat Militari tal-UE qabel ma' dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/217 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kontrammirall Riccardo MARCHIÓ huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) mis-7 ta' Lulju 2022.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/217 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/217 tal-15 ta' Frar 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 (ATALANTA/3/2022) (ĠU L 37, 18.2.2022, p. 39).

Magħmula fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2022.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
D. PRONK